# Beati u Qaddisin….Marzu

## SAN GIOVANNI OGILVIE

## 10 ta' Marzu

Giovanni Ogilvie twieled fis-sena 1579 gewwa Drum fl-Iskozja u fuqu ma nafu xejn b'certezza qabel is-sena 1593, is-sena li ta' `14 il-sena ntbaghat fil-Kontinent biex jistudja bhal ma kienu jaghmlu hafna familji sinjuri tal-Gran Brittanija f'dik l-epoka. Ikkonverta ghal nisrani kattoliku u dahal jistudja f'kullegg skocciz fi Douai fi Franza; fis-sena 1595 mar gewwa Lovanio fil-Belgju fejn il-gwida ta' Padre Cornelio mexxietu fil-hajja nisranija.




Tlett snin wara, fis-sena 1598, halla Lavanio biex ikompli l-istudji tieghu gewwa Ratisbona fil-Germanja, fil-kullegg tal-Benedittini skoccizi, u aktar tard mal-Gizwiti gewwa Olmutz, fejn hass is-sejha ghas-sacerdozju. Dahal novizz mal-gizwiti gewwa il-kunvent ta' Brunn fil-Moravia fl-24 ta' Dicembru tas-sena 1599 meta kellu 20 sena.

Fis-sena 1607 kien Vjenna bhala ghalliem ta' l-elokwenza sagra, responsabilita' li zamm ghal sentejn.  Kompla jistudja t-teologija gewwa Olmutz u kien ikkonsagrat sacerdot gewwa Parigi fis-sena 1610 u ntbaghat gewwa Rouen biex jadqi d-doveri tieghu sacerdotali.

Imma x-xewqa tieghu kienet li jirritorna lejn il-patrija tieghu, l-Iskozja, biex hemm ikompli x-xoghol fil-missjoni kattolika.  Dawk iz-zminjiet il-Gran Brettanja kienet anti kattolika u kien hemm persekuzzjoni kontra l-insara kattolici mmexxija mir-re Gakbu I Stuart.

Dam sentejn jitlob li tkun milqugha t-talba tieghu u fl-ahhar fil-harifa tas-sena 1613 telaq lejn l-Iskozja fejn sbarka gewwa Leith, subborg ta' Edinburgh.  Dahal f'pajjizi taht l-identita' falza tal-Kaptan Watson. Kien il-mistieden ta' Guliermu Sinclair avvukat kattoliku ferventi fil-Parlament.

Giovanni kien jiccelebra l-Ewkaristija bil-mohbi  ta' spiss ghall-kattolici li kienu jsibu kliemu ta' wens u meditazzjoni qawwija. Travesit, huwa kien imur izur l-habsin kattolici biex ikun ta' wens ghalihom.

Kien jivvjaga lejn Londra u Glasgow u kien hawhekk li gie arrestat fl-4 ta' Ottubru 1614 meta Adam Byod xlieh quddiem l-aricisqof protestant. Ghal erba' xhur shah hu ghadda minn torturi u kien marbut bil-ktajjen b'tali mod li ftit seta' jaghmel movimenti.  Mis-sena 1614 sas-sena 1615 huwa deher hames darbiet quddiem l-imhallfin skoccizi.  F'idejna waslulna zewg rapport tal-processi, wiehed mill-istess Giovanni Ogilvie u l-iehor miktub minn ufficjali inglizi, imqabbda minn l-istess arcisqof protestant Spottiswood.

Fl-10 ta' Marzu huwa gie kkundannat ghall-mewt mit-tribunal ta' Glasgow bit-tghalliq. Is-sentenza giet esegwita dak in-nhar stess wara nofsinhar fuq forka imtella' apposta fic-centru ta' salib it-toroq imsejjah "Glasgow Cross."

Immedjatament kien midfun fic-cimiterju ta' l-ikkundannati u hadd ma jaf x'sar mill-fdalijiet tieghu.

Kien il-Papa Piju XI li ghamlu beatu fit-22 ta' Novembru 1929 u kkannonizat minn Pawlu VI fis-17 ta' Ottubru 1976. Il-festa liturgika tieghu that fl-10 ta' Marzu.